MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2007

Rikors Numru. 234/2006

**Carmen Muscat ID 181048(M)**

**Vs**

**Sydney u Mary konjugi Campell ID 9845(A)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami presentant minn Mary Campbell, waheda u li bih wara li ppremettiet illi fit-3 ta' Lulju 2006 sar mandat ta' qbid fil-fond Olive Court, Flat 1B, Triq il-Bahhara, San Pawl il-Bahar;

Illi kif jirrizulta mill-imsemmi mandat ta' qbid, il-persuna li kellu jsir il-mandat kontriha kienet Mary Campell u mhux Mary Campbell;

Illi inoltre jigi rilevat ukoll illi n-numru tal-karta tal-identita' tar-rikorrenti huwa 654139(M) kif jirrizulta mill-fotokopja annessa mar-rikors Dok A.

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-mandat ta’ qbid fl-ismijiet premessi ma kellux isir kontra r-rikorrenti;

Talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tordna illi l-oggetti maqbuda fil-mandat fuq imsemmi jergghu jigu rilaxxati favur l-esponenti kif ukoll il-fotokopja tal-karta tal-identita numru 0654139(M) mahruga fuq isem “Mary Campbell” (fol 3 tal-atti)

Rat id-digrieti Taghha precedenti kif ukoll ir-risposta tal-intimata (fol 6 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:

Illi hija toggezzjona bil-qawwa ghat-talba kif kontenuta fir-rikors tal-konjugi Campbell datat 24 ta’ Lulju 2006 u dana peress dak li qed jipprovaw jaghmlu r-rikorrenti ma’ huwa xejn hlief li japprofittaw rwiehom minn semplici zball genwin dattilografiku.

Illi llum il-gurnata li l-legislatur taghna dejjem ghamel emendi fis-sens illi l-atti ghandhom dejjem jigi ligittimati a skans ta’ multitudni ta’ proceduri ikun verament ghajb jekk l-affarijiet isiru bhal ma’ qed jippretendu r-rikorrenti sempliciment ghaliex il-kitba bi zball ma’ kitbitx l-ittra “B” fil-kunjom.

Tant ghandha x’tissottimetti l-esponenti ghal ghaqli gudizzju ta’ dina l-Onor. Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-partijiet specjalment dak verbalizzat, (a fol 19 ibid) mill-istess intimata waqt is-seduta tat-8 ta’ Jannar 2007.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-istess atti, rrisulta illi :-

a) B’sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fis-6 ta’ Ottubru 2005 fl-ismijet “Carmen Muscat vs Sydney u Mary konjugi Campell”, ir-rikorrenti odjerna giet

kanonizzata kreditrici fis-somma ta' Lm250 (ara fol 10 et seq ibid kif ukoll l-atti, hemm annessi u li jirreferu ghall-avviz numru 1535/05DC).
b) Mill-istess atti jidher li l-istess sentenza kienet inghatat bhala konsegwenza tal-kontimacju da parti tal-istess konjugi billi dawn ma wiegbux ghat-talbiet tal-intimata odjerna.
c) Jirrizulta illi kunjom l-esponenti mhux "Campel" izda "Campbell" u din ghandha karta tal-identita numru 0654139(M) u mhux 9845(A) kif hemm mnizzel fil-mandat in esami, dan tal-ahhar, presumibilment, in-numru tal-karta tal-identita' ta' zewgha.
d) L-istess intimata kif jidher mill-verbal hawn fuq imsemmi, kienet iddikjarat li hi "… ma hiex fi(bi) hsiebha tipprosegwi l-effetti tal-mandat ta' Qbid numru 1252/06" u dan minghajr pregudizzju ghal kull dritt spettanti lilha a basi tas-sentenza hawn fuq imsemmija.

Illi fid-dawl ta' dak premess, it-talba tar-rikorrenti maghmula waheda, ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talba kif maghmula mir-rikorrenti, waheda u tordna illi l-oggetti maqbuda (ara fol 9 ibid) jergghu jigu rilaxxati favur l-esponenti. In rigward l-ispejjes ta' din il-procedura, minhabba dak premess fil-paragrafu (b) "supra" l-istess Qorti tordna li dawn jithallsu kollha kemm huma, mir-rikorrenti, Mary Campbell, stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------